# IL-KAMPNAR JAGĦLAQ 10 SNIN

*Patri Dumink Bonello O.F.M.Conv.*

Għaxar snin ilu, fit-13 ta' Ġunju 1983, kienet tqiegħdet l-Ewwel Ġebla tal-Kampnar il-ġdid tal-knisja parrokkjali tagħna. Qabel kien hemm ieħor u kien inbena flimkien mal-knisja għall-bidu ta' dan is-seklu. Dan il-kampnar kien fuq wara tal-knisja u eżatt fuq il-ġenb lemini ta' l-arzella, u kien imgħammar b'erba' qniepen, waħda farrada, imsejħa tal-quddiesa, magħmula Malta fl-1904, u sett ta' tlieta li kienu saru f'Genova, l-Italja, fl-1906 mid-ditta Benedetto Boero. Dawn kienet ħalset għalihom il-Markiża Anna Bugeja, dik stess li ħalset għall-bini tal-Knisja Parrokkjali. Iż-żgħira fost dawn it-tlieta tiżen 120 Kg. u hija ta' nota Mi b. Fuqha ġġib l-isem ta' Anna. It-tieni tiżen 200 Kg. u hija ta' nota Do. Din hija msemmija għall-Immakulata, Patruna ta' l-Ordni Franġiskan. It-tielet waħda, il-kbira, tiżen 400 Kg. hija ta' nota La b u hemm fuqha l-isem ta' l-Addolorata, titular tal-Knisja.



Issa dan l-ewwel kampnar, minħabba t-tkabbir tal-knisja, kellu jiġi mniżżel, la darba kien mibni eżatt fejn il-parti l-qadima tal-Knisja kellha tingħaqad mal-parti l-ġdida. Iżda qabel, tniżżlu l-erba' qniepen; għall-ewwel tqiegħdu fuq il-bejt tal-Knisja iżda ftit żmien wara ġew imdendla provisorjament ma' travu biex ikunu jistgħu jindaqqu. Dan ġara fl-1975, meta kien Kappillan Patri Samwel Chetcuti.

Meta kien tlesta l-bini tat-tkabbir tal-knisja u l-invja ta' l-istess bini, il-Kappillan il-ġdid, Patri Elija Vella flimkien mal-Komunita' tal-Patrijiet, kien ħaseb għall-ftuħ ta' żewġ niċeċ fl-istess knisja: waħda għad-Duluri u l-oħra għal San Pawl, biex hekk dawn iż-żewġ statwi jkollhom post xieraq.

Sadattant l-istess Kappillan mal-Komunita' tiegħu beda' jaħseb biex jinbena kampnar ġdid. Kienet meħtieġa l-pjanta, u din saret mill-istess Perit li mexxa t-tkabbir tal-knisja, is-Sur Louis Naudi B.Arch., A.&C.E.; l-imgħallem kellu jkun dak stess li bena l-parti l-ġdida tal-knisja u li għamel

in-niċeċ, is-Sur Salvu Xuereb mill-Mellieħa flimkien mal-lavrant is-Sur Charlie Gauci minn San Pawl il-Baħar. Iżda ried qabel jintgħażel il-post fejn dan il-kampnar kellu jitla', u l-post, wara ħafna ħsieb instab ukoll! Kellu jitla' eżatt fuq in-niċċa ta' S. Ġużepp, ftit 'il ġewwa mill-faċċata tal-knisja, ħajt iserraħ fuq il-ġenb tal-bejt ta' l-istess knisja u t-tlieta l-oħra fuq il-ħitan tal-kurutur ta' ma' ġeb il-knisja. Fuq kollox kienu meħtieġa l-flus, u dawn ma naqsux għax in-nies ta' San Pawl il-Baħar dejjem taw b'ġenerożita' kbira. Kien hemm benefatturi oħra barranin. Sadattant beda' jasal il-ġebel, jinħadem u jittella' fuq il-bejt tal-knisja, u hekk fit-13 ta' Ġunju 1983 tqiegħdet f'postha l-Ewwel Ġebla, parti minn arkata li fuqha kellu jserraħ wieħed mill-ħitan tal-kampnar. B'tifkira l-imgħallem, fuq din il-ġebla, kien naqqax is-sinjal tas-Salib u taħt, id-data. Il-bini ta' dan il-kampnar ħa sentejn biex tlesta minn kollox.

Sadattant l-istess Kappillan, Patri Elija Vella bl-approvazzjoni tal-Patrijiet, beda' jaħseb biex tinxtara qampiena li tkun ftit kbira biex iżżejjen il-kampnar u fl-istess ħin isaħħaħ il-ħoss tas-sett li diġa' kien hemm. Ġiet magħżula d-ditta Achille Mazzola ta' Valduggia, Vercelli (Italja), u permezz ta' l-aġenti f'Malta "Thewma & Co." saret ordni għall-qanpiena ta' nota Mi b u li tiżen 970 Kg. bi prezz ta' £m6,000. Għal darb' oħra l-poplu ta' San Pawl il-Baħar kien ġeneruż u l-flus bdew deħlin. Xi benefatturi minn barra l-Parroċċa kien hemm ukoll!

Fl-aħħar il-qampiena waslet! Tħejjiet festa u nhar l-14 ta' Settembru 1984 lejliet il-festa liturġika ta' Marija Addolorata, titular tal-Knisja Parrokkjali, din il-qanpiena l-ġdida ġiet imdawra fuq "trailer" armat, mat-toroq ta' San Pawl il-Baħar u minn Erba' Mwieżeb sal-Knisja ġiet imwassla mill-banda "San Pawl" u folla ta' nies ferħana.

Billi l-kampnar ma kienx għadu lest minn kollox, il-qanpiena tqiegħdet fil-kamra tan-naħa tal-lemin ta' min ikun dieħel il-knisja. Iż-żmien jgħaddi u l-imgħallem Salv beda' jaħseb biex itella' f'posthom fil-kampnar il-ġdid il-qniepen li diġa' kellna: il-farrada u t-tlieta tas-sett. Għall-qanpiena l-ġdida tħejjiet festa oħra għall-Ħadd, 24 ta' Marzu 1985. Kien mistieden Mons. Arċisqof Ġużeppi Merċieca biex imexxi l-konċelebrazzjoni u jbierek solennement il-qanpiena li ssemmiet PAWLINA għal San Pawl. Għal xi l-11.15 ta' filgħodu PAWLINA bdiet tielgħa fuq il-kampnar permezz tal-"crane" fost l-isparar tal-musketterija, il-ferħ u ċ-ċapċip tal-folla preżenti. Ma nofs inhar il-qanpiena kienet f'postha u daqqet it-tokki ta' l-"Angelus" u wara ndaqqet mota solenni.

Fuq il-qanpiena, in-naħa ta' min ikun fil-kampnar, hemm din l-iskrizzjoni:

A.D. 1984
Minn dal-kampnar mitmum malli għalqet
is-Sena Mqaddsa tal-Ġublew tal-Fidwa
fi żmien il-Kappillan Elija Vella O.F.M.Conv.
JIENA PAWLINA insemma leħni wara dak ta' l-Appostlu
tal-Ġnus
fuq dil-medda art u baħar imbierka bil-miġja tiegħu
insejjaħ għat-talb, fil-ferħ u n-niket
insikket l-irwiefen,
imbiegħed it-tempesti
wens.